26/02/2025
ESMA35-1872330276-2030

# Linji Gwida

Dwar sitwazzjonijiet li fihom ditta ta' pajjiż terz titqies li qed tissollecita klijenti stabbiliti jew li jinsabu fl-UE u l-prattiki ta' superviżjoni biex tiġi identifikata u evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-eżenzjoni mis-sollecitazzjoni bil-kontra skont ir-Regolament dwar is-Swieq fil-Kriptoassi (MiCA)

## Werrej

1. Kamp ta' applikazzjoni ..... 1
2. Referenzi leġiżlattivi, abbrevjazzjonijiet u definizzjonijiet ..... 1
2.1 Referenzi leġiżlattivi ..... 1
2.2 Abbrevjazzjonijiet ..... 1
2.3 Definizzjonijiet ..... 2
3. Skop ..... 3
4. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar ..... 4
4.1 Status tal-linji gwida ..... 4
4.2 Rekwiżiti ta' rappurtar ..... 4
5. Linji Gwida dwar is-sollećitazzjoni tal-klijenti minn ditti ta' pajjiżi terzi ..... 5
5.1 Mezzi ta' sollećitazzjoni (Linja Gwida 1) ..... 5
5.2 Persuna li tissollećita (Linja Gwida 2) ..... 7
5.3 Inizjattiva esklussiva tal-klijent (Linja Gwida 3) ..... 8
5.4 Meta kriptoassi jew servizz ta' kriptoassi jkun tal-istess tip bħal ieħor (Linja Gwida 4)8
6. Linji Gwida dwar il-prattiki ta' superviżjoni biex tiġi identifikata u evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-eżenzjoni ta' sollećitazzjoni bil-kontra ..... 10
6.1 Monitoraġġ ta' entitajiet li għandhom fil-mira klijenti stabbiliti jew li jinsabu fl-Unjoni jew li huma attivi fl-Unjoni (Linja Gwida 1) ..... 10
6.2 Skambji ma' awtoritajiet oħra (Linja Gwida 2) ..... 10
6.3 Reazzjoni għall-ilmenti tal-klijenti jew l-informaturi (Linja Gwida 3) ..... 11
Anness – Lista mhux eżawrjenti ta' eżempji ta' ċirkostanzi fejn ditta ta' pajjiż terz x'aktarx titqies bħala li qed tissollećita l-klijenti fl-Unjoni ..... 12

# 1. Kamp ta' applikazzjoni

**Min?**

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti, kif definiti fl-Artikolu 3(1)(35) tal-MiCA u, fir-rigward tat-Taqsima 5, id-ditti ta' pajjiżi terzi.

**Xiex?**

2. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tal-Artikolu 61 tal-MiCA.

**Meta?**

3. Dawn il-Linji Gwida japplikaw 60 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

# 2. Referenzi leġiżlattivi, abbrevjazzjonijiet u definizzjonijiet

## 2.1 Referenzi leġiżlattivi

| | |
|---|---|
| MiCA | Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937[1]. |
| Regolament tal-ESMA | Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE[2] |

## 2.2 Abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| ESMA | Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |
| SESF | Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja |

[1] ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40.
[2] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

| | |
|---|---|
| UE | Unjoni Ewropea |

## 2.3 Definizzjonijiet

| | |
|---|---|
| *Ditta ta' pajjiż terz* | Ditta li tkun soġġetta għall-Artikolu 59 tal-MiCA jekk l-uffiċċju prinċipali jew l-uffiċċju rreġistrat tagħha jkun jinsab fl-Unjoni |

# 3. Skop

4. Dawn il-linji gwida huma bbażati fuq l-Artikolu 61(3) tal-MiCA. L-objettivi ta' dawn il-linji gwida huma li jiġu stabbiliti prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi fi ħdan is-SESF u li tiġi żgurata l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 61 tal-MiCA.

5. B'mod partikolari, huma għandhom l-għan li jippromwovu konverġenza akbar fl-interpretazzjoni ta', u approċċi superviżorji għal, sitwazzjonijiet li fihom ditta ta' pajjiż terz titqies li qed tissolleċita klijenti stabbiliti jew li jinsabu fl-Unjoni. Barra minn hekk, sabiex titrawwem il-konverġenza u tiġi promossa superviżjoni konsistenti fir-rigward tar-riskju ta' abbuż tal-Artikolu 61 tal-MiCA, dawn il-linji gwida għandhom ukoll l-għan li jippromwovu ċerti prattiki ta' superviżjoni biex tiġi identifikata u evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-MiCA.

# 4. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## 4.1 Status tal-linji gwida

6. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida.

7. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jinkorporawhom fl-oqfsa legali u/jew superviżorji nazzjonali tagħhom kif ikun xieraq.

## 4.2 Rekwiżiti ta' rappurtar

8. Fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, l-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida jeħtiġilhom jinnotifikaw lill-ESMA jekk dawn (i) jikkonformawx, (ii) ma jikkonformawx, iżda biħsiebhom jikkonformaw, jew (iii) ma jikkonformawx u mhumiex biħsiebhom jikkonformaw mal-linji gwida.

9. F'każ ta' nuqqas ta' konformità, l-awtoritajiet kompetenti jeħtiġilhom jinnotifikaw ukoll lill-ESMA fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-linji gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE bir-raġunijiet tagħhom għaliex ma jikkonformawx mal-linji gwida.

10. Mudell għan-notifiki huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA. Ladarba jimtela l-mudell, dan għandu jiġi trażmess lill-ESMA.

# 5. Linji Gwida dwar is-solleċitazzjoni tal-klijenti minn ditti ta' pajjiżi terzi

## 5.1 Mezzi ta' solleċitazzjoni (Linja Gwida 1)

11. Is-solleċitazzjoni tal-klijenti minn ditti ta' pajjiżi terzi għandha tiġi interpretata b'mod wiesa' u b'mod newtrali għat-teknoloġija.

12. Is-solleċitazzjoni tinkludi l-promozzjoni, ir-reklamar jew l-offerta ta' servizzi jew attivitajiet tal-kriptoassi lil klijenti jew klijenti prospettivi fl-Unjoni bi kwalunkwe mezz. Dan jista' jinkludi, mingħajr limitazzjoni:

- riklami fuq l-internet,
- fuljetti,
- telefonati,
- posta elettronika,
- strixxuni, pop-ups u/jew għodod simili fuq siti web u media soċjali,
- laqgħat wiċċ imb wiċċ,
- stqarrijiet għall-istampa,
- forom oħra ta' mezzi fiżiċi jew elettroniċi, inklużi siti web, pjattaformi tal-media soċjali, applikazzjonijiet mobbli,
- parteċipazzjonijiet f'wirjiet tat-toroq u fieri kummerċjali,
- stediniet għal avvenimenti,
- kampanji ta' affiljazzjoni,
- immirar mill-ġdid tar-reklamar,
- stediniet biex timtela formola ta' rispons jew biex jiġi segwit kors ta' taħriġ,
- pjattaformi ta' messaġġi,

- ftehimiet ta' sponsorizzazzjoni.

13. Promozzjonijiet, reklami, kummerċjalizzazzjoni u offerti ta' natura ġenerali bħal reklami ta' marki, u li huma indirizzati lill-pubbliku (b'firxa wiesgħa u kbira), jistgħu wkoll jikkostitwixxu sollecitazzjoni.

14. L-NCAs għandhom jikkunsidraw il-fatti u ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ sabiex jivvalutaw jekk ditta ta' pajjiż terz hijiex qed tissolleċita klijenti stabbiliti jew li jinsabu fl-Unjoni.

15. Jekk jogħġbok irreferi għall-Anness hawnhekk għal eżempji ta' ċirkostanzi fejn ditta ta' pajjiż terz x'aktarx titqies bħala li qed tissolleċita l-klijenti fl-Unjoni.

16. L-ESMA tirrikonoxxi li hemm ċirkostanzi fejn ditti ta' pajjiżi terzi jistgħu jitqiesu wkoll li qed jissolleċitaw lill-klijenti tal-UE, għalkemm mhux esklussivament[3]. F'każijiet bħal dawn, id-ditta ta' pajjiż terz tista' tieħu miżuri ta' prekawzjoni biex tiżgura li ma tiksirx ir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni skont il-MiCA billi toqgħod lura milli tipprovdi kwalunkwe servizz jew attività tal-kriptoassi lill-klijenti tal-UE. Biex tagħmel dan, id-ditta ta' pajjiż terz tista', pereżempju, ma taċċetta l-ebda kont ġdid ta' klijenti tal-UE jew timblokka[4] b'mod ġeografiku l-mezzi ta' aċċess għas-servizzi jew l-attivitajiet tal-kriptoassi tagħha.

17. Il-materjali edukattivi, it-taħriġ u l-avvenimenti tal-industrija li huma purament edukattivi jew iffukati fuq il-kondiviżjoni tal-għarfien dwar it-teknoloġiji sottostanti jew l-innovazzjonijiet tal-industrija m'għandhomx jitqiesu bħala sollecitazzjoni. Materjali edukattivi, taħriġ u avvenimenti tal-industrija jitqiesu li għandhom l-effett li jippromwovu direttament jew indirettament ditta ta' pajjiż terz jew is-servizzi jew l-attivitajiet tal-kriptoassi tagħha meta, pereżempju, l-udjenza tiġi diretta lejn is-sit web tad-ditta ta' pajjiż terz, jingħataw il-mezzi ta' aċċess għas-servizzi offruti mid-ditta ta' pajjiż terz, jiġu pprovduti fuljetti marbuta mas-servizzi tal-kriptoassi, l-udjenza tiġi mistiedna timla profil ta' klijent jew is-servizzi tad-ditta ta' pajjiż terz huma, bi kwalunkwe mod, promossi b'xi mod ieħor.

---

[3] Pereżempju, ditta ta' pajjiż terz tista' tkun qed tisponsorja kompetizzjoni sportiva internazzjonali li fiha jistgħu jidħlu wkoll timijiet nazzjonali tal-Istati Membri jew atleti tal-UE. Il-MiCA ma jipprojbixxix tali ftehimiet ta' sponsorizzazzjoni. Madankollu, bħala konsegwenza ta' dan, id-ditta għandha titqies li qed tissolleċita lill-klijenti fl-UE u għalhekk ma tkunx tista' tibbenefika mill-eżenzjoni ta' sollecitazzjoni bil-kontra.

[4] Pereżempju, jekk l-aċċess għas-sit web tad-ditta ta' pajjiż terz ikun imblukkat b'mod ġeografiku għall-klijenti tal-UE b'indirizz IP li joriġina fl-UE u jekk l-applikazzjoni mobbli tad-ditta ta' pajjiż terz ma kinitx disponibbli għall-pajjiżi tal-UE fil-ħwienet tal-applikazzjonijiet mobbli.

## 5.2 Persuna li tissollecita (Linja Gwida 2)

18. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li s-sollecitazzjoni tista' sseħħ irrispettivament mill-persuna li titwettaq permezz tagħha.

19. Is-sollecitazzjoni tista' titwettaq mid-ditta ta' pajjiż terz stess jew minn kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha jew li jkollha rabtiet mill-qrib mad-ditta ta' pajjiż terz[5]. Persuna li taġixxi f'isem ditta ta' pajjiż terz tista' tkun qed tagħmel dan jew: i) espressament permezz ta' kuntratt; jew ii) impliċitament permezz ta' ftehim informali.

20. Tali persuni jistgħu jinkludu l-hekk imsejħa influwenzaturi. Indikazzjonijiet li persuna qed taġixxi f'isem ditta ta' pajjiż terz jistgħu jinkludu, pereżempju, il-fatt li l-udjenza tiġi diretta lejn is-sit web tad-ditta ta' pajjiż terz, il-forniment tal-mezzi ta' aċċess għas-servizzi offruti mid-ditta ta' pajjiż terz, l-offerta ta' ftehimiet promozzjonali jew il-wiri tal-logo tad-ditta ta' pajjiż terz. L-eżistenza ta' kwalunkwe forma ta' remunerazzjoni jew benefiċċju (monetarju jew mhux monetarju) ipprovdut mid-ditta ta' pajjiż terz lill-parti terza għandha tkun indikazzjoni qawwija li l-parti terza qed taġixxi f'isem id-ditta ta' pajjiż terz. Madankollu, in-nuqqas ta' remunerazzjoni jew benefiċċju m'għandux neċessarjament jeskludi l-fatt li l-persuna tista' tkun qed taġixxi f'isem id-ditta ta' pajjiż terz.

21. Ir-rieżamijiet fuq inizjattiva proprja tas-servizzi jew tal-attivitajiet tal-kriptoassi ta' ditta ta' pajjiż terz (jiġifieri, sakemm ma jitwettqux f'isimha), min-naħa l-oħra, ma għandhomx jitqiesu bħala sollecitazzjoni minn jew f'isem id-ditta ta' pajjiż terz. Madankollu, dawn ir-rieżamijiet jistgħu jitqiesu biss bħala "inizjattiva proprja" fejn id-ditta ta' pajjiż terz ma jkollhiex għarfien tar-rieżami u ma tkunx tat il-kunsens tagħha għalih, inkoraġġietu jew iffaċilitatu b'mod ieħor.

22. Il-forniment ta' servizzi tal-kriptoassi wara s-sollecitazzjoni f'isem ditta ta' pajjiż terz minn persuna jew entità regolata fl-UE xorta għandu jitqies bħala ksur tal-MiCA. Pereżempju, istituzzjoni ta' kreditu, ditta tal-investiment jew fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-UE ma għandhomx jirridirezzjonaw lill-klijenti (pereżempju, permezz tas-sit web tagħhom) lejn servizzi ta' kriptoassi pprovduti minn ditta ta' pajjiż terz. Dan japplika kemm jekk dik id-ditta ta' pajjiż terz tkun parti mill-istess grupp kif ukoll jekk le.

[5] Kif definit fl-Artikolu 3(31) tal-MiCA.

## 5.3 Inizjattiva esklussiva tal-klijent (Linja Gwida 3)

23. Ditta ma għandhiex titqies li tissolleċita lill-klijenti, jekk is-servizz jew l-attività tal-kriptoassi tiġi pprovduta fuq inizjattiva proprja esklussiva tal-klijent. L-inizjattiva proprja esklużiva tal-klijent għandha tiġi interpretata b'mod strett.

24. Il-valutazzjoni dwar jekk fornitur tas-servizzi tal-kriptoassi ssolleċitax klijent jew jekk il-kuntatt inbediex esklussivament mill-klijent għandha tkun waħda fattwali. Arranġamenti kuntrattwali jew dikjarazzjonijiet ta' ċaħda ta' responsabbiltà ma jistgħux jieħdu post fatti kuntrarji.

25. L-eżenzjoni ta' solleċitazzjoni bil-kontra hija bbażata fuq il-premessa li l-prodott, is-servizz jew l-attività tal-kriptoassi jiġu pprovduti fuq inizjattiva proprja esklużiva tal-klijent. L-Artikolu 61(2) tal-MiCA jħalli miftuħa l-possibbiltà għad-ditta ta' pajjiż terz li tikkummerċjalizza lil dak il-klijent kriptoassi jew servizzi tal-kriptoassi jew attivitajiet tal-istess tip. Madankollu, ir-rekwiżit li s-servizzi tal-kriptoassi jiġu pprovduti abbażi tal-inizjattiva proprja esklużiva tal-klijent xorta japplika.

26. Għalhekk, il-ħin tat-talba mill-klijent u tal-offerta, il-promozzjoni jew ir-reklamar ta' servizzi jew attivitajiet ta' kriptoassi oħrajn tal-istess tip huma importanti. Id-dispożizzjoni msemmija għandha għalhekk tiġi interpretata bħala li ma tippermettix lid-ditti ta' pajjiż terz joffru lill-klijent aktar kriptoassi jew servizzi jew attivitajiet ta' kriptoassi, anke jekk tali servizzi jew attivitajiet jkunu tal-istess tip bħal dak/dawk oriġinarjament mitlub/a mill-klijent, sakemm ma jiġux offruti fil-kuntest tat-tranżazzjoni oriġinali.

27. Pereżempju, jekk il-klijent jikkuntattja lid-ditta ta' pajjiż terz biex jixtri l-kriptoassi X, id-ditta tista' – f'dan il-mument – tikkumerċjalizza lill-klijenti l-kriptoassi tal-istess tip. Madankollu, id-ditta ta' pajjiż terz ma tkunx intitolata li tikkummerċjalizza aktar tranżazzjonijiet tal-kriptoassi X jew tranżazzjonijiet fi kriptoassi simili lill-klijent xahar wara.

28. Id-ditti ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu jistgħu jipprovdu rekords li jittraċċaw ir-relazzjoni mal-klijent u, b'mod partikolari, jekk il-klijent ikunx ħa l-inizjattiva li jirċievi servizzi tal-kriptoassi fir-rigward ta' prodott ġdid.

## 5.4 Meta kriptoassi jew servizz ta' kriptoassi jkun tal-istess tip bħal ieħor (Linja Gwida 4)

29. Ir-reġim ta' solleċitazzjoni bil-kontra jħalli l-possibbiltà għal ditta ta' pajjiż terz biex tikkummerċjalizza kriptoassi jew servizzi ta' kriptoassi jew attivitajiet tal-istess tip fil-

kuntest tar-relazzjoni mibdija fuq inizjattiva proprja esklussiva ta' klijent partikolari, soġġett għad-ditta ta' pajjiż terz li tikkonforma wkoll mal-Linja Gwida 3 hawn fuq.

30. Meta d-ditta ta' pajjiż terz tkun trid tuża din il-possibbiltà, għandha tivvaluta jekk il-kriptoassi jew is-servizzi jew l-attivitajiet tal-kriptoassi jappartjenux għall-istess tip fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li tqis elementi bħal (i) il-kategorija tal-kriptoassi jew tas-servizz jew l-attività tal-kriptoassi offruti u (ii) ir-riskji marbuta ma' kull kriptoassi jew servizz jew attività tal-kriptoassi.

31. Il-kategorizzazzjoni tal-kriptoassi u tas-servizzi jew tal-attivitajiet tal-kriptoassi li ditta ta' pajjiż terz tuża għandha tkun granulari biżżejjed biex tiżgura li l-eżenzjoni ta' sollecitazzjoni bil-kontra ma tkunx tista' tintuża biex jiġu evitati r-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 59 tal-MiCA.

32. Hawn taħt hawn lista mhux eżawrjenti ta' pari ta' kriptoassi li m'għandhomx jitqiesu bħala li jappartjenu għall-istess tip ta' kriptoassi għall-finijiet tal-eżenzjoni ta' sollecitazzjoni bil-kontra:

- tokens ta' utilità, tokens irreferenzjati ma' assi jew tokens tal-flus elettroniċi;
- kriptoassi mhux maħżuna jew ittrasferiti bl-użu tal-istess teknoloġija;
- tokens tal-flus elettroniċi li ma jirreferenzjawx l-istess munita uffiċjali;
- tokens irreferenzjati ma' assi bbażati l-aktar fuq muniti ta' kors legali u tokens irreferenzjati ma' assi li għandhom ponderazzjonijiet sinifikanti fil-kriptovaluta;
- kriptoassi likwidi u illikwidi;
- kriptoassi għajr it-tokens ta' referenza tal-assi u t-tokens tal-flus elettroniċi ma' offerent mhux identifikabbli u kriptoassi għajr it-tokens ta' referenza tal-assi u tokens tal-flus elettroniċi ma' offerent identifikabbli.

33. Jekk jogħġbok innota li l-eżempji ta' hawn fuq ma għandhomx jinqraw *a contrario*. Pereżempju, it-tokens tal-flus elettroniċi li ma jirreferenzjawx l-istess munita uffiċjali ma jappartjenux għall-istess tip. Iżda l-fatt li żewġ tokens tal-flus elettroniċi qed jirreferenzjaw l-istess munita uffiċjali mhux neċessarjament jimplika li huma tal-istess tip. Bl-istess mod, il-kriptoassi mhux maħżuna jew trasferiti bl-użu tal-istess teknoloġija ma jappartjenux għall-istess tip. Iżda l-kriptoassi maħżuna jew trasferiti bl-użu tal-istess teknoloġija mhumiex neċessarjament tal-istess tip.

# 6. Linji Gwida dwar il-prattiki ta' superviżjoni biex tiġi identifikata u evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-eżenzjoni ta' sollecitazzjoni bil-kontra

34. Ditti ta' pajjiżi terzi jistgħu jippruvaw jevitaw ir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 59 tal-MiCA b'diversi mezzi u prattiki. Għalhekk huwa importanti ħafna li l-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw mill-qrib l-attività, jekk ikun hemm, ta' ditti ta' pajjiżi terzi fil-ġuriżdizzjonijiet rispettivi tagħhom. Minħabba li s-servizzi tal-kriptoassi huma kważi esklussivament offruti u promossi online, għandha ssir enfasi partikolari fuq l-attivitajiet online ta' ditti ta' pajjiżi terzi.

35. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw waħda jew aktar mill-prattiki ta' superviżjoni dettaljati fil-linji gwida ta' hawn taħt.

## 6.1 Monitoraġġ ta' entitajiet li għandhom fil-mira klijenti stabbiliti jew li jinsabu fl-Unjoni jew li huma attivi fl-Unjoni (Linja Gwida 1)

36. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jfittxu ditti ta' pajjiżi terzi b'numri tat-telefown li jibdew b'kodiċijiet tal-pajjiż lokali jew b'indirizzi postali, tal-posta elettronika jew tas-sit web li jindikaw jew li jagħtu ħjiel tal-preżenza tagħhom, tal-anqas virtwali, fl-Unjoni (eż. URL li jispiċċa b'"lu", "de", "fr", eċċ.).

37. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwettqu wkoll stħarriġ tal-konsumaturi biex jidentifikaw id-ditti użati mill-konsumaturi fil-ġuriżdizzjoni tagħhom għas-servizzi tal-kriptoassi.

38. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw għodod ta' monitoraġġ tal-kummerċjalizzazzjoni, speċjalment dawk bil-kapaċità li jimmonitorjaw l-attività tal-media soċjali peress li jistgħu jagħtu indikazzjoni tas-swieq ġeografiċi fil-mira ta' ditti ta' pajjiżi terzi.

## 6.2 Skambji ma' awtoritajiet oħra (Linja Gwida 2)

39. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaħdmu mill-qrib ma' awtoritajiet oħra (awtoritajiet nazzjonali jew awtoritajiet barranin) li jista' jkollhom għarfien dwar jekk ditti ta' pajjiżi terzi humiex qed joffru servizzi fis-suq rilevanti. Tali awtoritajiet jistgħu jinkludu l-pulizija u l-awtoritajiet tat-taxxa lokali.

## 6.3 Reazzjoni għall-ilmenti tal-klijenti jew l-informaturi (Linja Gwida 3)

40. L-awtoritajiet kompetenti għandhom isegwu l-ilmenti mill-klijenti jew l-informazzjoni mill-informaturi li jindikaw li ditta ta' pajjiż terz setgħet kienet qed tissollecita lill-klijenti fil-ġuriżdizzjoni tagħha.

# Anness – Lista mhux eżawrjenti ta' eżempji ta' ċirkostanzi fejn ditta ta' pajjiż terz x'aktarx titqies bħala li qed tissolleċita l-klijenti fl-Unjoni

L-eżempji taċ-ċirkostanzi msemmija fit-tabella għandhom jinqraw flimkien mal-Linji Gwida rilevanti.

| Linja Gwida | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Linja Gwida 1 | Ditta ta' pajjiż terz qed tuża strateġiji ta' ottimizzazzjoni tal-magni tat-tiftix reġjonali jew speċifiċi għall-pajjiż (SEO) biex tottimizza l-preżenza online tagħha u tikklassifika tajjeb fil-paġni tar-riżultati tal-magni tat-tiftix (SERPs) tal-klijenti potenzjali tal-UE jew tas-SERPs ta' klijenti potenzjali ta' ċerti Stati Membri.<br><br>L-għan tas-SEO huwa li ttejjeb il-klassifikazzjoni ta' sit web fir-riżultati tal-magni tat-tiftix (mhux imħallsa). SEO ta' suċċess twassal għal żieda fit-traffiku tal-web u fl-esponiment għall-marka. SEO reġjonali jew ibbażata fuq il-pajjiż tippermetti lil ditta ta' pajjiż terz tidher f'pożizzjoni ogħla fis-SERPs ta' klijenti potenzjali tal-UE.<br><br>SEO reġjonali jew speċifika għall-pajjiż tista' tinkludi, pereżempju:<br><br>i) l-użu ta' dominju tal-ogħla livell bil-kodiċi tal-pajjiż (TLD) fl-isem tad-dominju (bħal ".fr", ".es", ".at");<br><br>ii) l-użu ta' TLD ġeneriku (bħal ".com" jew ".org") b'subdirettorji speċifiċi għall-pajjiż tal-UE (bħal ".com/fr", ".org/es") fl-isem tad-dominju;<br><br>iii) l-użu ta' TLD ġeneriku iżda b'immirar ġeografiku stabbilit meta jiġu stabbiliti l-kriterji fl-għodod tas-SEO;<br><br>iv) l-użu tal-bini ta' ħoloq ġeommirati [6] bħala parti mill-istrateġija tal-kummerċjalizzazzjoni tagħha biex tibni t-traffiku minn klijenti potenzjali |

[6] Il-bini ta' ħoloq ġeommirati huwa meta ditta tieħu backlinks minn siti web oħrajn f'reġjun ġeografiku. Backlink hija ħolqa minn sit web ieħor għas-sit web tad-ditta, u b'hekk tirridirezzjona jew tinkoraġġixxi t-traffiku tal-web mis-sit web inizjali għal ieħor.

| | |
|---|---|
| | bbażati fl-UE (pereżempju, ditta ta' pajjiż terz tuża backlinks fuq siti web ma' TLD jew subdirettorju speċifiku għall-pajjiż tal-UE). |
| Linja Gwida 1 | Ditta ta' pajjiż terz qed tuża strateġiji ta' mmirar ġeografiku għall-wiri ta' reklami diġitali, kemm fuq SERPs kif ukoll fuq pjattaformi tal-media soċjali, li huma mmirati lejn klijenti potenzjali tal-UE jew klijenti potenzjali ta' ċerti Stati Membri. |
| Linja Gwida 1 | Ditta ta' pajjiż terz għandha sit web jew parti minn sit web f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni – li ma tkunx abitwali fl-isfera tal-finanzi internazzjonali – (jew għodod integrati ta' traduzzjoni fis-sit web tagħha) u ma hemm l-ebda indikazzjoni li tali ditta ta' pajjiż terz toriġina minn ġuriżdizzjoni bl-użu tal-istess lingwa jew li d-ditta ta' pajjiż terz ikollha klijentela jew tkun immirata lejn il-klijenti potenzjali f'ġuriżdizzjoni mhux tal-UE bl-użu tal-istess lingwa wkoll. |
| Linja Gwida 1 | Ditta ta' pajjiż terz qed tisponsorja avveniment sportiv iċċentrat fuq l-UE jew Stat Membru bħal kampjonat nazzjonali, jew kampjonat Ewropew. |
| Linja Gwida 1 | Ditta ta' pajjiż terz qed tirridirezzjona klijenti potenzjali tal-UE lejn is-sit web tagħha billi tinkludi ħolqa għal sit web bħal dan dwar taħriġ jew materjal edukattiv. |
| Linja Gwida 1 | Grupp kripto (li jinkludi kemm entitajiet irregolati mill-UE kif ukoll ditti ta' pajjiżi terzi) qed juża strateġiji li ma jippermettux biżżejjed lill-klijent li jiddistingwi bejn l-offerta tal-entitajiet irregolati mill-UE u d-ditti ta' pajjiżi terzi. |
| Linja Gwida 1 | Ditta ta' pajjiż terz qed tirrispondi għal inkjesta bbażata fl-UE dwar servizzi jew attivitajiet mhux irregolati mill-MiCA u tuża r-risponsi tagħha biex tikkummerċjalizza s-servizzi jew l-attivitajiet tal-kriptoassi tagħha. |
| Linja Gwida 2 | Ditta ta' pajjiż terz qed tuża s-sit web ta' affiljat tal-UE jew ditta tal-UE – kemm jekk irregolat kif ukoll jekk le - biex turi l-logo tagħha, backlink għas-sit web tagħha jew tippromwovi s-servizzi jew l-attivitajiet tal-kriptoassi tagħha. |
| Linja Gwida 2 | Ditta ta' pajjiż terz qed tuża influwenzatur jew kreatur tal-kontenut ibbażat fl-UE, u tirremunerah, biex jagħti spinta lill-kriptoassi jew is-servizzi jew l-attivitajiet tal-kriptoassi tagħha, jew biex jibni l-profil tagħha, fuq il-media soċjali jew b'xi mod ieħor. |
| Linja Gwida 2 | Fornitur ta' servizz tal-kriptoassi regolat mill-UE jirridirezzjona lill-klijenti tal-UE li għandhom l-intenzjoni li jinnegozjaw b'tokens irreferenzjati ma' assi |

| | |
|---|---|
| | mhux awtorizzati lejn il-pjattaforma ta' negozjar jew is-sensar mhux tal-UE tal-grupp tiegħu. |
| Linja Gwida 3 | Ditta ta' pajjiż terz tiġi kkuntattjata minn klijent tal-UE li jixtieq jixtri kriptoassi. Il-klijent tal-UE jinstalla l-applikazzjoni mobbli tad-ditta ta' pajjiż terz fuq il-mowbajl tiegħu biex jinnegozja tali kriptoassi.<br><br>Jumejn wara t-tranżazzjoni inizjali, il-klijent tal-UE jirċievi notifika push li tħeġġu jmur lura għall-applikazzjoni mobbli tad-ditta ta' pajjiż terz biex jikkonsulta liema kriptoassi huma popolari, inklużi kriptoassi li mhumiex tal-istess tip bħal dak innegozjat inizjalment mill-klijent tal-UE. |
| Linja Gwida 3 | Ditta ta' pajjiż terz tiġi kkuntattjata minn klijent tal-UE li jixtieq jixtri kriptoassi. Il-klijent tal-UE jinstalla l-applikazzjoni mobbli tad-ditta ta' pajjiż terz fuq il-mowbajl tiegħu biex jinnegozja tali kriptoassi.<br><br>Xahrejn wara t-tranżazzjoni inizjali, il-klijent tal-UE jirċievi notifika push li tħeġġu jmur lura għall-applikazzjoni mobbli tad-ditta ta' pajjiż terz biex jirritorna għall-applikazzjoni u jieħu azzjoni billi jinnegozja aktar (pereżempju, notifika push dwar promozzjoni temporanja). |
| Linja Gwida 4 | Ditta ta' pajjiż terz tiġi kkuntattjata minn klijent tal-UE li jixtieq jixtri token irreferenzjat ma' assi maħruġ minn emittent li ma jkunx awtorizzat f'konformità mat-Titolu III tal-MiCA. Fiż-żmien tal-forniment tas-servizz(i) tal-kriptoassi rilevanti, id-ditta ta' pajjiż terz tikkummerċjalizza wkoll jew toffri tip differenti ħafna ta' kriptoassi, pereżempju, muniti meme lill-klijent tal-UE. |
| Linja Gwida 4 | Ditta ta' pajjiż terz tiġi kkuntattjata minn klijent tal-UE li jixtieq jixtri token irreferenzjat ma' assi awtorizzat fl-UE skont it-Titolu III tal-MiCA. Fiż-żmien tal-forniment tas-servizz(i) tal-kriptoassi rilevanti, id-ditta ta' pajjiż terz tikkummerċjalizza wkoll jew toffri "muniti meme" lill-klijent tal-UE. |
| Linja Gwida 4 | Ditta ta' pajjiż terz tiġi avviċinata minn individwu bbażat fl-UE għall-forniment ta' servizz tal-kriptoassi speċifiku. B'rispons għal dan, id-ditta ta' pajjiż terz toffri lil dan l-individwu pakkett ta' servizzi ta' kriptoassi raggruppati. |